LAQGĦA ANNWALI ĠENERALI – 2014

L-għoxrin laqgħa annwali ġenerali għas-sena 2014 inżammet fis-sala tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, nhar il-Ħamis, 20 ta' Frar 2014 fis-18.30.

Preżenti:
Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Marcel Tabone, Anthony Briffa u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

Skużati:
Il-membru Joe Debrincat u l-Ambaxxtur taż-Żgħażagħ Beppe Galea.

Talba:
Wara t-talba ġew approvati l-minuti tal-laqgħa tas-sena li għaddiet.

Rapport tas-Sindku:
Is-Sindku ressaq rapport dettaljat ta' xogħolijiet li tkomplew u twettqu matul is-sena 2013.

Intervent mill-Pubbliku:

1. Tressaq ilment li fi Triq Aġius De Soldanis jidħlu u jipparkjaw vetturi li mhux suppost jidħlu bil-konsegwenza li ma jitħalliex spazju biex ir-residenti jipparkjaw il-vetturi tagħhom.

2. Rigward Pjazza San Franġisk ġie rrappurtat li m'hemmx bankina libera għall-*pedestrians* minħabba l-parkeġġ illegali jew ikunu meħudin mill-imwejjed u s-siġġiejiet tal-ħwienet tax-xorb. Barra minn hekk l-imwejjed u s-siġġijiet qed jitniżlu anke' fuq il-*pedestrian crossing*. (Dan l-ilment jaqa' f'idejn l-MTA.)

3. Ilmenti varji kienu jirrigwardjaw in-nuqqas ta' postijiet għall-parkeġġ fiċ-ċentru tar-Rabat. Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Kunsill issuġġerixxa lill-Gvern Ċentrali, *area* għall-parkeġġ li tinsab fi Triq ta' wara s-Sur kantuniera ma Triq Wied is-Seqer. Din hija art tal-Gvern u hi diżlivellata. F'dan id-diżlivell jistgħu jidħlu kemm 'il sular għall-parkeġġ.

4. Ġie suġġerit li jsiru aktar *litter bins* bil-parkeġġ il-kbir ta' taħt il-*bus terminus*.

5. Intalbu dettalji ta' fejn ser jiġi l-monti wara li jitlesta l-proġett tal-*Heritage Trail*. Is-Sindku spjega li dan mhux ser jitbiegħed aktar minn Pjazza Savina.

6. Tressaq ilment fuq l-istat ħażin ta’ Triq Vajrinġa. Dan ġie kkawżat mill-veturi tqal li qed jagħddu. Is-Sinkdu spejga li l-Kunsill issuġġerixxa rotta alternattiva u t-Transport Malta (TM) qed tgħid li jrid ikun hemm il-qbil tal-Kunsill Lokali tal-Għasri peress li din ir-rotta tinkludi toroq li jinsabu fil-periferija tar-raħal tal-Għasri.

7. Intalbu dettalji rigward ir-raġuni għaliex inbiddlu l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart domestiku. Is-Sindku spjega li l-Kunsilli Lokali t’Għawdex kollha qed jibdlu l-ħinijiet għal filgħodu. Ir-raġuni prinċipali hi li fiż-żminijiet tall-llum l-maġġoranza tar-residenti joħorġu jaħdmu.

8. Il-Kunsill ġie rringrazjat tax-xogħol li sar fi Triq San Ġorġ u ntalab sabiex isiru tabelli li juri li f’din it-triq ma jistgħux jitħallew vetturi. Dan peress li hi triq dejqa. Il-preżenti ġew mgħarrfa li fil-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet tressaq dan is-suġġeriment u l-Kunsill talab il-permess ta’ TM biex jitpoġġew sinjali ta’ *No Waiting* ħlief għal-*un/laoding*. Ta min jinnota li fil-preżent jeżistu tabelli ta’ *no waiting* f’din it-tirq.

9. Il-Kunsill ġie mistoqsi rigward il-proġett tal-*playing field*. Is-Sindku qal li meta l-Kunsill ta l-offerta tax-xogħolijiet tressaq appell rigward id-deċiżjoni tal-Kunsill u dan żamm il-proċess kollu. Fix-xhur li ġejjin għandu jibda’ l-proġett peress li l-appell wasal fil-fażi aħħarija tiegħu.

Is-Sindku rringrazzja lir-residenti li għoġobhom jipparteċipaw f’din il-laqgħa li spiċċat fit-20.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |